# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 26**

**Citaz. numru 999/93 FGC**

**Julian Aquilina u Carmelo Aquilina**

**vs**

**Ministru tal-Ambjent**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni :-

> "L-atturi premettew :-
>
> Li huma proprjetarji ta' bicca art denominata "Tas-Sidra", San Giljan ;
>
> Li huma jahdmu din l-art ghall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ;
>
> Li f'din l-art hemm tank ta' l-ilma tal-kapacita' ta' mitejn elf gallun (200,000) li jservi ghall-irrigazzjoni tal-imsemmija prodotti ;
> Li l-konvenut informahom illi kien sejjer jaghmel xogholijiet fi Triq is-Sidra biex iwessa' t-triq u fl-istess hin jiddistruggi dan it-tank bir-rizultat li hafna ilma jintrema', l-prodotti jinxfu u jmutu u b'hekk huma jigu privati mill-ilma necessarju ghall-prodotti agrikoli ;

Li huma ma kienux sejrin jopponi ghat-tnehhija tat-tank in kwistjoni kieku l-konvenut ipprovda jew bena tank iehor biex jiehu l-ilma li hemm u jkun iservi bhala sostituzzjoni ghat-tank li kien sejjer jitnehha ;

Li l-attur Julian Aquilina permezz ta' rikors ipprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili talab lill-Qorti biex tordna l-hrug tal-opportun Mandat ta' Inibizzjoni biex tinibixxi lill-konvenut milli jnehhi u jiddistruggi t-tank tal-ilma fuq imsemmi qabel ma jigi sostitwit b'iehor ghas-spejjez tal-konvenut ;

Li permezz ta' digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Lulju 1993 (Mandat ta' Inibizzjoni numru 1551/93 fl-ismijiet "Julian Aquilina vs Ministru tal-Ambjent") il-Qorti laqghet l-imsemmija talba ta' l-attur Julian Aquilina u ordnat il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra l-konvenut u l-istess Qorti ordnat ukoll li l-istess ordni tigi notifikata lill-kuntrattur John Ghigo ;

Li nhar il-Gimgha 20 ta' Awissu 1993, l-prokuratur legali ta' l-attur Julian Aquilina gie notifikat bl-ezekuzzjoni kontra l-konvenut tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi ;

TALBU li, ghaldaqstant, jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tiddikjara li l-konvenut m'ghandux dritt inehhi u jiddistruggi t-tank ta' l-ilma fuq imsemmi qabel ma jigi sostitwit b'iehor ugwali ghas-spejjez ta' l-istess konvenut u

2. Tipprojbixxi u zomm lill-istess konvenut milli jnehhi u jiddistruggi t-tank ta' l-ilma fuq imsemmi qabel ma jigi sostitwit b'iehor ugwali ghas-spejjez ta' l-istess konvenut ;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni tad-29 ta' Lulju 1993 u bis-subizzjoni tal-konvenut."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut Ministru tal-Ambjent hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Preliminarjament, in-nullita' tac-citazzjoni in kwistjoni stante li maghmula mhux mill-istess persuna li talbet ghall-hrug tal-mandat ta' Inibizzjoni ;

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa m'ghandux ir-responsabbilita' ghad-'day-to-day running' tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, kif gie diversi drabi ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali u ghandu, konsegwentement, jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess atturi jridu jippruvaw li parti mill-art denominata "tas-Sidra" hi proprjeta' taghha (recte taghhom) ;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-art in kwistjoni fejn kienu sejrin isiru xogholijiet ta' twessiegh ta' triq hi proprjeta' ta' l-istess atturi, kif ser jigi ppruvat mill-esibizzjoni ta' dokumenti rigwardanti esproprijazzjoni regolari ta' l-istess art ;

5. Illi mhux minnu li t-tank in kwistjoni kien ser jigi distrutt jew imnehhi, izda biss imcekken u tithalla dik il-parti tat-tank li ma tigix fuq it-triq in kwistjoni ;

6. Illi x-xogholijiet kollha, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kienu ser isiru biss fuq proprjeta' tal-Gvern minghajr pregudizzju, anke futura, ghall-istess atturi ;

7. Illi l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprevedix bini alternattiv f'kaz ta' esproprijazzjoni hlief fil-kaz ta' abitazzjoni ta' persuna u ghaldaqstant ma tistax tintlaqa' l-ewwel talba u, konsegwentement, it-tieni talba ta' l-atturi."

**DECIDE**

B'sentenza tas-27 ta' Mejju 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet l-ahhar cioe' s-seba' eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici. Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mill-konvenut.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Ikkunsidrat :

Li m'hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-attur Julian Aquilina kien ipprezenta Mandat ta' Inibizzjoni (Nru. 1551/93) sabiex din il-Qorti tinibixxi lill-konvenut milli jnehhi u jiddistruggi, kif kien gharrafhom li ser jaghmel, it-tank ta' l-ilma msemmi fic-citazzjoni qabel ma jigi sostitwit b'iehor ghas-spejjez tieghu u li din il-Qorti, diversament presjeduta, b'digriet tad-29 ta' Lulju 1993, laqghet it-talba u ordnat il-hrug tal-opportun mandat fis-sens mitlub.

Issa, b'din l-istanza, dan l-attur qieghed jagixxi, kif huwa obbligat jaghmel bil-ligi, kontra l-konvenut biex izomm fis-sehh dan l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni.

F'din l-istanza, pero', minbarra l-attur Julian Aquilina qieghed jazzjona wkoll l-attur Carmelo Aquilina fil-vesti tieghu ta' proprjetarju, flimkien ma' l-attur l-iehor, ta l-art denominata bhala "Tas-Sidra", li tinsab f'San Giljan.

Dan il-fatt li fil-kawza odjerna qieghed jagixxi mhux biss l-attur Julian Aquilina, li talab u ottjena l-hrug tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, izda wkoll l-attur l-iehor Carmelo Aquilina, li ma kellux x'jaqsam ma' dik il-procedura, skond ma jeccepixxi preliminarjament il-konvenut, ghandu jwassal ghan-nullita' ta' l-azzjoni.

Din il-Qorti, ghalhekk, sejra tinvesti din l-eccezzjoni ta' natura pregudizzjali fl-ewwel lok.

Kif jidher mill-premessi ta-citazzjoni, l-attur Carmelo Aquilina u l-attur Julian Aquilina m'humiex qeghdin jghidu li l-attur Carmelo Aquilina kien parti fil-mandat "de quo". Jinghad car u tond li din il-procedura kienet intalbet biss mill-attur Julian Aquilina u li l-attur l-iehor huwa proprjetarju tal-art in kwistjoni u jahdimha wkoll ma' l-attur Julian Aquilina. Bla dubbju ta' xejn, bhala koproprjetarju, dan Carmelo Aquilina ghandu l-interess guridiku biex jippromwovi din il-kawza ghaliex l-allegat agir tal-konvenut jolqot lilu daqskemm jikkolpixxi lill-attur l-iehor. Huwa evidenti wkoll illi t-talbiet tac-citazzjoni huma konfezjonati b'mod li jiehdu in konsiderazzjoni d-drittijiet tieghu ta' proprjetarju u fihom m'hemm l-ebda referenza ghall-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni u kieku dawn it-talbiet kellhom jintlaqghu jkunu qeghdin jigu

ggovati z-zewg atturi f'mizura ugwali ghaliex l-interess guridiku taghhom jikkoincidi ma' l-iehor.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux haga koncepibbli li biex l-attur Julian Aquilina jissalvagwardja l-istess proprjeta' huwa kellu jagixxi indipendentement mill-attur l-iehor. Apparti li tali pretensjoni hija ghal kollox irrazzjonali u anti-guridika, huwa principju ormaj rikonoxxut fl-ordinament guridiku taghna li safejn huwa possibbli m'ghandux jinghata aditu ghall-moltiplikazzjoni tal-kawzi li jkunu dwar l-istess meritu u dan kemm minhabba l-ekonomija tal-gudizzji, li hija haga mill-aktar desiderabbli, kif ukoll biex jigu risparmjati spejjez f'litigazzjoni inutili.

Din il-Qorti tqis li dak li huwa importanti hu li l-attur Julian Aquilina agixxa tempestivament bil-kawza odjerna biex izomm in vigore l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni u b'hekk gie li ssodisfa l-vot tal-ligi. Il-fatt li mieghu jiffigura bhala attur Carmelo Aquilina ma jnaqqas xejn minn l-effikacja ta' l-azzjoni tieghu u, ghalhekk, din il-Qorti ma tifhimx kif b'daqshekk ic-citazzjoni giet reza nulla.

Kwindi, din l-eccezzjoni tan-nullita' ta' l-azzjoni qeghda tigi respinta ; bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Il-konvenut ressaq ukoll l-eccezzjoni ta' l-illegittimita' tal-persuna u dan billi jippretendi li huwa mhux responsabbli ghad-'day to day running' tad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Din l-eccezzjoni, pero', lanqas mhi sostenibbli. Apparti li din il-Qorti ma tarax kif l-atti li jilmenta minnhom l-attur Julian Aquilina fil-mandat ta' inibizzjoni jistghu jirrientraw fid-definizzjoni ta' dak li jitqies ta' ordinarja amministrazzjoni dipartimentali, huwa ferm sorpranenti li l-konvenut qieghed jinsa li l-mandat ta' inibizzjoni kien intalab kontra tieghu u, effettivament, kien hu li gie inibit bid-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Lulju 1993. Jidher ukoll li hemm certa inkonsistenza fl-ateggjament tal-konvenut meta huwa, wara li sostna li l-azzjoni kienet nulla ghaliex ma kienitx maghmula mill-istess persuna li talbet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, qieghed jippretendi li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju li, skond il-ligi, l-attur Julian Aquilina kellu bilfors jintavola kontra tieghu biex isostni l-imsemmi mandat.

Din l-eccezzjoni, ghalhekk, hija manifestament inattendibbli u, kwindi, qeghda tigi respinta wkoll.

Illi l-konvenut issolleva diversi eccezzjonijiet fil-mertu ; tnejn minnhom huma intizi biex ipoggu fid-dubbju t-titolu ta' propjega' li l-atturi jippretendu li ghandhom fir-rigward ta' l-art in kwistjoni, tnejn ohra huma mmirati biex jimminimizzaw ix-xogholijiet intraprezi mid-dipartiment u l-ahhar wahda, li verament messha

giet sollevata fl-ewwel lok u mmedjatament wara z-zewg eccezzjonijiet preliminari, ghandha l-iskop preciz li tostakola b'mod determinanti l-akkoljiment tat-talbiet attrici.

Din il-Qorti, ghalhekk, sejra tinvesti din l-ahhar eccezzjoni ghaliex ikun ghal kollox ozjuz li tikkonsidera dawk li gew moghtija qabilha u dan kemm ghaliex il-konvenut stess ma sostniehomx kif ukoll ghaliex, kif intqal, din l-eccezzjoni effettivament tostakola d-domanda attrici.

Jirrizulta li, fil-mori tal-kawza, l-art in kwistjoni giet esproprijata mill-Gvern taht id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88) b'xiri assolut fis-7 ta' Dicembru 1993 u d-dikjarazzjoni tal-President dehret fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Dicembru 1993 (Dok A – a fol 17).

L-art 12 (3) tal-Kap 88 jipprovdi illi wara li jghaddi t-terminu ta' erbatax-il gurnata mill-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-President, fil-Gazzetta tal-Gvern, l-awtorita' kompetenti tista' bla ebda formalita' ohra tidhol fl-art u tiehu pussess taghha u, minkejja xi restrizzjoni li jkun hemm f'din l-art jew fuqha jew dwarha kull xoghol jew haga ohra, tkun li tkun, li xi hadd li jkollu interess illimitat f'din l-art ikollu jedd li jaghmel bis-sahha ta' dak l-interess.

Huwa evidenti, ghalhekk, li wara din l-esproprijazzjoni, jew biex wiehed ikun aktar preciz, wara d-dekors ta' erbatax-il gurnata mis-17 ta' Dicembru 1993 – data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern – il-proprjeta' in kwistjoni ghaddiet f'idejn l-awtorita' kompetenti bil-mod l-izjed assolut u esklussiv.

L-atturi qeghdin isostnu li l-konvenut m'ghandux dritt li jnehhi u jiddistruggi t-tank ta' l-ilma msemmi qabel ma jipprovdielhom iehor bhalu a spejjez tieghu u l-ewwel talba taghhom hija li l-Qorti tiddikjara li l-posizzjoni legali hija din. Fil-fatt, bid-digriet tad-29 ta' Lulju 1993, din il-Qorti giet li rrikonoxxiet li l-atturi ghandhom 'prima facie' dritt li jippretendu dan izda dakinhar ma kienitx ghadha saret l-esproprijazzjoni b'xiri assolut. Din is-sitwazzjoni gdida, li naxxiet minn dan l-espopriju, kkapavolgiet kollox f'direzzjoni wahda u sens uniku b'detriment ghall-atturi. Infatti, kif sewwa eccepixxa l-konvenut, il-Kap 88 jipprevedi biss l-ghoti ta' dar alternattiva lil min ikun jokkupa dar li tkun giet esproprijata u fl-ebda kaz iehor m'hu kontemplat mil-ligi li l-persuna esproprijata tinghata xi haga biex taghmel tajjeb ghal dak li jkun qieghed jittiehed minghandha.

Kwindi, huwa car li l-atturi ma jistghux jirnexxu bl-azzjoni taghhom ghaliex din l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut hija

validissima u jithoqqilha li tigi milqugha, kif effettivament qeghda tigi milqugha.

Kif intqal, il-posizzjoni legali ma baqghetx dik li kienet meta giet intavolata l-kawza fl-24 ta' Awissu 1993, billi l-art in kwistjoni giet mehuda mill-pussess ta' l-atturi forzosament bid-dikjarazzjoni presidenzjali li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Dicembru 1993 –zvilupp li kien qieghed jillumeggja u li fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 1993 sar accenn, sija pure vag, ghalih. Konsegwenza ta' hekk, l-atturi m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dan il-gudizzju ghaliex l-akkwist ta' l-art in kwistjoni b'xiri assolut da parti ta' l-awtorita' kompetenti sar fil-mori tal-kawza u l-atturi kellhom jintavolaw il-kawza taghhom skond il-ligi u meta allura l-posizzjoni kienet diversa u, ghalhekk, setghu jirnexxu bl-azzjoni taghhom, tant li l-Qorti awtorizzat il-hrug tal-opportun mandat ta' inibizzjoni ghas-salvagwardja tad-drittijiet taghhom li, f'dak l-istadju, kienu jezistu 'prima facie'."

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'aggravju tista' tghid uniku li jillimta l-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ghall-ezami tal-effetti tal-ordni tal-esproprazzjoni u sa fejn din seta' jinghad illi stronkat definittivament il-possibbilita' ta' ezitu favorevoli ghat-talbiet attrici. Dan l-aggravju huwa fis-sens illi l-appellanti jikkontestaw l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti meta bbazat is-sentenza taghha fuq id-dikjarazzjoni espressa illi "huwa evidenti ghalhekk illi wara din l-esproprazzjoni jew biex wiehed ikun aktar preciz wara d-dekors tal-erbatax-il gurnata fis-17 ta' Dicembru 1993, data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, <u>il-proprjeta'</u> in kwistjoni ghaddiet f'idejn l-awtorita' kompetenti <u>bil-mod l-izjed assolut u esklussiv</u>". Is-sottomissjoni tal-appellanti hi illi l-proprjeta' tal-immobbli ma tghaddiex favur il-Gvern bil-pubblikazzjoni

tad-dikjarazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern izda tghaddi favur tieghu fil-gurnata li jigi publikat formalment il-kuntratt pubbliku ta' trasferiment. Infatti sakemm l-istess kuntratt jigi pubblikat, jekk ikun hemm cens x'jithallas dan jibqa' jithallas mill-utlista lid-direttarju nonostante li ma jkollox il-pussess tal-art espropriata.

L-appellanti jikkontendu illi una volta s-sentenza appellata kienet impernjata fuq din il-premessa skorretta fil-ligi, l-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti kellhom jigu skartati. Kellu jkun ovvju illi l-pussess tal-proprjeta' ma kienx ifisser titolu tal-proprjeta'. L-appellanti ma kienu bl-ebda mod qeghdin jostakolaw il-pussess tal-Gvern derivanti mill-artikolu 12 tal-Kap 88. Kienu qeghdin jikkontestaw id-demolizzjoni tal-gibjun sakemm il-Gvern jiddeciedi li jakkwista l-proprjeta' taghhom skond il-ligi. Din il-Qorti tikkunsidra s-segwenti :-

(a) Hija teknikament korretta fil-ligi s-sottomissjoni illi ma kienitx valida l-enunzjazzjoni legali illi, bhala konsegwenza tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern tal-ordni tal-esprorprju, "il-proprjeta" tghaddi f'idejn l-awtorita' kompetenti. Indubbjament minn mindu tigi pubblikata l-ordni tal-esproprju sakemm isir l-att definittiv ta' trasferiment favur il-Gvern, il-proprjeta' tibqa' stricte iure f'idejn il-persuna espropriata. Dan johrog car mil-ligi u hu ben stabbilit fil-gurisprudenza. F'dan il-kuntest allura t-termini wzati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma jidhrux li huma precizi.

(b) Mill-banda l-ohra pero' m'hemm l-ebda dubbju - u dan johrog ukoll mil-ligi u hu abbundantament stabbilit fil-gurisprudenza - illi bhala effett dirett u inevitabbli tad-dikjarazzjoni tal-President li biha jintima l-intenzjoni tal-esproprju ghal skop pubbliku, l-Gvern jakkwista fuq l-immobbli esproprjat drittijiet li ordnarjament imissu lid-"dominus". Dan ifisser illi s-sid tal-proprjeta' jigi ezawtorat ghal kollox minn kull jedd fir-rigward tal-pussess u tad-disponibbilita' materjali taghha. Disponibbilita' materjali li naturalment ma testendix ukoll ghad-dritt tat-trasferiment taghha naturalment soggett ghall-fattur gdid tal-esprorpju u tal-limitazzjoni li dan necessarjament jimplika.

(c) Ma jistax ikun allura kontestat illi bhala konsegwenza tad-dikjarazzjoni tal-President, il-proprjeta' de quo ma ghaddietx f'idejn l-awtorita' kompetenti u filwaqt li wiehed ma jistax ma jaqbilx mal-appellant li l-Gvern kellu biss prezentement il-pussess tieghu. Tali pussess kien pero' assolut. Infatti s-subinciz 3 tal-artikolu 12 jipprovdi illi l-awtorita' li favur taghha tkun giet esproprjata l-proprjeta' fl-interess pubbliku setghet "taghmel kull xoghol jew haga ohra tkun li tkun lil xi hadd li jkollu interess illimitat f'din l-art u jkollu jedd li jaghmel bis-sahha ……."

Termini assolutistici aktar minn dawn difficilment wiehed jista' jimmagina. Sewwa jinghad illi bhala konsegwenza ta' l-espropriazzjoni

l-Gvern effettivament kien qieghed jarrova ghalih il-ius utendi et abutendi, naturalment dejjem limitatament tad-dritt ta' pussess u mhux ta' proprjeta'. Xejn allura ma kien izomm lill-awtorita' kompetenti illi taghmel uzu fil-limiti tal-ligi mill-proprjeta' fl-interess pubbliku skond dak li jidhrilha mehtieg. Xejn ma kien izommha milli tutilizza parti minnha billi tikkonvertiha fit-triq jew f'xi opra pubblika ohra salv naturalment dejjem id-drittijiet tal-persuna esproprjata ghall-hlas ta' kumpens lilha dovut skond il-ligi u wkoll f'kazi ghal xi raguni l-awtorita' kompetenti ma tipprocedix ghat-tehid legali tal-proprjeta' skond ma hu provdut fil-provvedimenti tal-istess kap 88 ghar-rizarciment tad-danni konsegwenzjali jekk dan ikun il-kaz. Hu b'din il-precisazzjoni u f'dan is-sens biss illi l-konsiderandi tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li wasluha ghal decizjoni gusta, kellhom jigu interpretati. Din il-Qorti pero' ma tistax taqbel mal-aggravju tal-appellanti illi n-nuqqas ta' kjarezza dovuta ghall-uzu ta' terminologija mhux ghal kollox proprja, anke jekk din intuzat fil-konsiderazzjoni principali tal-motivazzjoni fis-sentenza appellata, kellha twassal biex din l-istess sentenza tigi skartata bhala inattendibbli. Dan ghaliex kif inghad id-decizjoni kienet sostanzjalment korretta. Mill-banda l-ohra pero', din il-Qorti tifhem illi kien hemm lok illi jsir il-prezenti appell proprju biex tigi accertata l-posizzjoni guridika korretta u evitata ambigwita' dwar l-effetti guridici tal-ordni tal-espropriazzjoni. Kien hemm allura lok ghal temperament fil-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi u mhux ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata u l-appell michud.  L-ispejjez tal-Prima'istanza kellhom jibqghu kif mill-ewwel Qorti decizi, dawn ta' dan l-appell kellhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mg